VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,877, 6 ta' Ottubru, 2017
Taqsima B

A.L. 269 tal-2017

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 72 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jintftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 363.01.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi.

Tifsir.

2. Minnufih qabel it tifsira "Att" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Assi tal-Kommunità" tfisser infrastruttura, siġar, u kull titjib urban;".

Jemenda r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1)(a) tiegħu, minflok il-kliem "tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29)" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin (50) euro"; u

(b) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Flus għandhom jittieħdu mill-*petty cash* fuq il-preżentazzjoni ta' riċevuti fiskali biss, li għandhom jindikaw b'mod ċar l-oġġetti mixtrija:

Iżda jekk il-bejjiegħ ma jkunx jista' jipprovdi riċevuta fiskali dettaljata, għandha tiġi mimlija *Petty Cash Voucher* sabiex jiġu identifikati l-oġġetti mixtrija, li magħha għandha tiġi annessa l-irċevuta fiskali. Dik il-formula għandha tiġi ffirmata minn min ikun xtara l-oġġetti u ffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv, bħala

VERŻJONI ELETTRONIKA

ċertifikazzjoni ta' dak il-pagament.".

Iħassar ir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

4. Is-subregolamenti (4) u (5) tar-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-kliem "u ta' l-impjegati" għandhom jiżdiedu l-kliem "inkluż kull impjegat ieħor assenjat lill-Kunsilli Lokali taħt skemi varji"; u

(b) minflok il-kliem "minn terzi persuni." għandhom jidħlu l-kliem "minn terzi persuni:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda li l-assigurazzjoni fir-rigward tal-impjegati tkun tkopri l-imsemmija impjegati waqt il-ħinijiet tax-xogħol biss.".

Jemenda r-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subregolament (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Il-membri tal-Kunsill, impjegati tal-Kunsilli u impjegati assenjati lill-Kunsill taħt skemi varji għandhom ikunu assigurati għal inċident personali.".

(b) minnufih wara s-subregolament (5) għandhom jidħlu dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(6) Kunsilli Lokali għandhom jiżguraw li l-uffiċċji amministrattivi, inkluz l-għamara kollha u l-makkinarju tal-uffiċċju kollu għandu jkun assigurat b'assigurazzjoni ta' 'Bini u Kontenut'. Dik l-assigurazzjoni għandha tkompri nar, serq u ħsara li s-seħħ minħabba avvenimenti naturali.

(7) Vetturi bil-mutur li jappartjenu lill-Kunsill għandhom ikunu assigurati taħt assigurazzjoni kompletament komprensiva. Il-valur għandu jiġi stabbilit mill-kumpanija tal-assigurazzjoni skont kull regolamenti jew proċeduri tal-assigurazzjoni.

(8) Assi tal-Komunita' m'għandhomx ikunu assigurati sakemm mhux xort'oħra approvat mid-Direttur b'talba bil-miktub mill-Kunsill Lokali.".